MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2005

Rikors Numru. 965/2003

L-Avukat Dottor Anthony P. Farrugia ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` F.A.M.A. Trading Company Ltd
vs
Alfred Debono, fil-kummerc bin il-mejjet Joseph u Doris nee` Gaunt li joqghod tas-Sliema karta tal-identita` numru 2672444(M) u Carmela sive Lina Debono mart Alfred Debono bint Joseph Fountain u Antonia nee` Tanti mwielda l-Belt Valletta u toqghod tas-Sliema karta tal-identita` numru 380047(M) u din bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u bejn l-imsemmi zewgha

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tal-attrici li bih esponiet:

1. Illi Carmelina Debono giet informata mill-bank taghha li bil-Mandat Ezekuttiv ta’ Sekwestru fl-ismijiet premessi (Dokument A) fejn ir-rikorrenti nomine kienu qed jippretendu li ghandu kreditu di fronte r-rikorrenti flimkien ma’ zewgha Alfred Debono bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u bejn l-imsemmi zewgha fl-ammont ta’ LM50,000.

2. Illi Carmelina Debono la ghandha u qatt ma kellha relazzjoni guridika mar-rikorrenti nomine u certament imbaghad ma kienx irrizulta, lanqas prima facie li hi kienet responsabbli ghall-allegat ammont dovut.

3. Illi Dr. Anthony Farrugia nomine kien ibbaza l-pretensjoni tieghu fuq kuntratt tad-9 ta’ Novembru 1993 fl-atti tan-Nutar Peter Carbonaro bejn ir-rikorrenti nomine u Alfred Debono wahdu (Dok B) u dana stante li fit-30 ta’ Marzu 1990 fl-atti tan-Nutar Mark Coppini Carmelina Debono u zewgha kienu ghamlu kuntratt ta’ separazzjoni tal-beni li kopja ta’ dan il-kuntratt gie anness mar-rikors u mmarkat Dok C.

4. Illi Dr. Anthony Farrugia nomine kien jaf li Carmelina Debono u zewgha kellhom is-separazzjoni tal-beni u ghalhekk fil-mandat ta’ sekwestru ma kellux ghalfejn jezegwixxu kontriha wkoll.

5. Illi evidentement tenut rigward tas-suespost, l-att ezekuttiv intavolat kien frivolu u vessatorju u ma kien hemm l-ebda raguni valida biex jigi promoss di fronte Carmelina Debono.

6. Illi inoltre zewg Carmelina Debono kien hallas akkont diversi drabi lis-socjeta` rikorrenti u anke halla ghandha kaxxa deheb u djamanti izda dawn qatt ma tnaqqsu mill--ammont dovut.

7. Illi l-agir ta’ Dr. Farrugia nomine kien intempestiv u kien qed jikkawzalha danni ingenti mal-Bank taghha minhabba facilitajiet ta’ overdraft li ghandha bzonn ghax-xoghol taghha.

Ghaldaqstant Carmelina Debono talbet sabiex il-Qorti joghgobha tirrevoka l-att ezekuttiv de quo fil-konfront taghha.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Dr. Anthony P. Farrugia ghan-nom tas-socjeta` F.A.M.A. Trading Company Limited li biha eccepixxa:

Illi din il-procedura b' rikors kif intavolata minn Carmelina Debono kienet irrita u nulla. Il-Mandat li tieghu kienet qed tintalab ir-revoka, huwa Mandat mahrug taht l-awtorita` tal-Qorti bis-sahha ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu res titolu esekuttiv.

Illi ma kien hemm ghalhekk l-ebda procedura mahsub fil-Kodici tal-Procedura Civili u f'xi ligi ohra fejn Mandat esekuttiv jista' jigi revokat b' dan il-mod. Carmelina Debono kienet qed tadixxi lill-Qorti bhallikieku kienet qed tintalab ir-revoka jew varjazzjoni ta' Mandat Kawtelatorju.

Illi minghajr pregudizzju l-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi kien gie indirizzat kontra Carmelina Debono minhabba li, fost ragunijiet ohra, il-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni vantat minn Carmelina Debono kien gie dikjarat null u bla effett fil-ligi in via ta' kawza fl-ismijiet: Joseph Bonello vs Alfred Debono et - deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Dicembru 2001 (Cit. 687/90/GCD) li kopja taghha giet annessa mar-risposta u mmarkata DOK A.

Dan kien dettal li Carmelina Debono konvenjentement ma kenitx semmiet fir-rikors taghha.

Illi wkoll minghajr pregudizzju kien hemm bzonn li Carmelina Debono tiehu direzzjoni fit-talbiet taghha.

Jew ma kellhiex relazzjoni guridika ma' Dr. Anthony Farrugia nomine u lanqas ma kienet konessa fir-regime finanzjarju taghha ma' zewgha, jew kellha d-dritt tidhol fil-kwistjonijiet dwar hlasijiet o meno, li gew effettwati lill-Dr. Anthony Farrugia nomine u allura kellha l-interess guridiku

fil-proceduri esekuttivi li kienu gew intavolati kontra taghha u kontra zewgha flimkien.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat illi fit-8 ta' Ottubru, 2003 ir-rikorrenti Carmelina sive Lina Debono pprezentat nota li biha nfurmat lill-Qorti li t-talba taghha fir-rikors fl-ismijiet premessi sar ai termini tal-artikolu 283A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Semghet bil-gurament lil Dr. Anthony Farrugia li xehed li dwar il-kuntratt tal-1993 ma kenitx giet inkluza r-rikorrenti u deherlu li l-pozizzjoni legali ta' dak iz-zmien ma kenitx tehtieg il-partecipazzjoni tal-mara ta' Mr. Debono. Zied jghid li d-dejn li hemm imsemmi f'dak il-kuntratt huma hafna djun li kienu saru qabel, anke xi sena u nofs qabel ma sar dak il-kuntratt u gew migbura kollha f' dak il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u kien qed jissostitwixxi kull ftehim ta' kambjala li kien hemm dak iz-zmien. Dan kien ghalhekk ftehim li kien jikkonkretizza s-sitwazzjoni f' dak il-mument. Dr. Farrugia u s-Sur Debono ghamlu l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu sabiex il-pozizzjoni ta' bejniethom tkun cara u Dr. Farrugia qal li dak iz-zmien ma kienx jaf li s-Sur Debono kien ghaddej mill-proceduri ta' falliment u ma kienx jaf bis-separazzjoni tal-beni bejn il-partijiet. Imbaghad sar jaf li kienu ttiehdu proceduri fil-konfront tas-Sur Debono u hu kompla jsegwi l-ezitu ta' dik il-kawza. Kien jinsab kwazi zgur li dawk il-proceduri bdew wara tal-falliment u hu mbaghad bis-sahha tal-kuntratt li kellu seta' jidhol fir-ranking procedure tal-falliment. Fil-fatt hu wiehed mill-kredituri li jidher fil-proceduri tal-falliment li jista' jikklejmja kontra s-Sur Alfred Debono.

Kien jaf li l-***actio pauliana*** li giet ezercitata minn Joseph Bonello bdiet fl-1990 pero` in segwitu saru proceduri ghall-falliment ta' Debono mill-American Express u kien jinsab cert li dawn kienu sussegwenti ghall-kunratt tieghu. Qal li l-proceduri ta' Bonello kontra Debono sar jaf bihom wara u ma kienx jidher fil-kawza u kien isegwi mill-verbali, u dan certament wara li kien sar il-kuntratt ghalkemm ma ftakarx id-data meta. Qal li veru li saru diversi mandati ta' sekwestri kontra r-rikorrenti fil-proceduri odjerni u cioe` Cermelina sive Lina Debono. Zied li ma' Carmelina Debono tkellem xi darba jew darbtejn. Alfred Debono qatt ma qallu li ghandu s-separazzjoni tal-beni u Dr. Farrugia sar jaf tramite jew is-sinjura direttament jew tramite l-avukat taghha.

Il-gojjelli li kien hadlu r-ragel taghha kien ghall-habta ta' xi tmienja, disgha snin ilu u dawn gew stmati Lm9000 u kien hadom biex ikopri parti mid-dejn. Dr. Farrugia ma kienx interessat jakkwistahom ghax hu ried flus. Carmelina Debono lilu qatt ma kellmitu fuq dan id-deheb izda kien Dr. Franco Vassallo li ghan-nom taghha kien kellmu fuqhom u dan kien snin wara li gie ghandu d-deheb u mhux xhur. Dr. Farrugia kien jaf li Debono kien jinnegozja fid-deheb u haseb li dawn kienu parti mill-assi tieghu. Mistoqsi ghaliex ma naqqashomx mill-Lm50000 qal li dawn kemm kemm irnexxielhom jaqtghu l-imghaxijiet li ghaddew fuq dik is-somma meta hallsu. Kien hemm okkazjonijiet meta hadlu xi flus is-Sur Debono jew xi hadd ghalih u f' dawk l-okkazjonijiet hu kien jaghmel ir-revoka tal-mandati li jkun istitwixxa. Effettivament ghamlet pagamenti anke s-Sinjura Debono ghan-nom tieghu fil-konfront ta' dan id-dejn, dejjem riferibbilment ghal dawk il-Lm50000 izda qal li dawn il-pagamenti qatt ma qabzu l-ammont ta' imghax li kien dovut. In-negozju kien ta' partiti ta' bejgh ta' deheb u hemm partita ta' hekk u mhux Dr. Farrugia biss kont involut. Qal li spicca hallashom hu ghax ma kellux dawk il-flus f' idejh.

Zied jghid li meta kien sar in-negozju dan ma kienx originarjament b'self, u kien irriduca ruhu b'self meta Dr. Farrugia nduna li d-diversi partiti li kellhom jithallsu lura ma thallsux u allura gie ffirmat il-kuntratt ta' kostituzzjoni

ta’ debitu li hemm, li huwa l-bazi tal-kreditu pretiz mis-socjeta` tieghu. Dik kienet in-natura tan-negozju. Kellu jesebixxi kopji ta’ serie ta’ cekkijiet li gew emessi fil-konfront ta’ Dr. Farrugia biex isir tentattiv li jigi saldat id-debitu. Hu kien iccekkja u sab li dwar ftit cekkijiet ma kienx hemm fondi fil-kont. Is-Sur Debono kien ukoll jghidlu “Isma tipprezentax dawk ic-cekkijiet ghalissa” ghax qallu “m’hemmx fondi, m’hemmx fondi”. L-ewwel darba kien ipprezentalu cekk ta’ Lm10,000 migbud minn fuq kont ta’ Warren Debono li huwa t-tifel tieghu u meta mbaghad ipprezenta c-cekk biex jithallas dan ma giex onorat mill-bank. Wara li saru diversi tentattivi sabiex jithallas dan id-dejn, Alfred Debono kien accetta li jiffirma kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu minhabba li ma kienx jidher li seta’ jirranga daqshekk malajr.

In kontro ezami kkonferma li ma kienx jaf li kien hemm is-separazzjoni tad-debiti qabel ma sar il-kuntratt ta’ kostituzzjoni tad-debitu. Zied jghid li ma kienx jaghmel kuntratt kieku kien jaf li kien hemm din il-kumplikazzjoni.

Rat il-kuntratt ta’ separazzjoni bejn Alfred Debono u Carmelina Debono tat-30 ta’ Marzu 1990 fol 11 sa 15 tal-process, il-kuntratt tal-kostituzzjoni ta’ debitu da parti ta’ Alfred Debono favur Dr. Anthony Farrugia ghan-nom u in rapprezentanza ta’ F.A.M.A. Trading Company Limited a fol 5 u 6 tal-process, sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tal-14 ta’ Dicembru 2001 fol 22 sa 26 tal-process, il-mandat ***de quo*** prezentat fil-5 ta’ Settembru, 2003 fol 3, 4, 9 u 10 tal-process, u l-kuntratt ta’ separazzjoni tal-1 ta’ Ottubru 2003 bejn Alfred Debono u Carmelina Debono fol 55 u 56 tal-process.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

1. Illi l-ewwel eccezzjoni ta’ Dr. Anthony Farrugia nomine hija “li din il-procedura b’ rikors kif intavolatat minn Carmelina Debono kienet irrita u nulla. Il-Mandat li tieghu kienet qed tintalab ir-revoka, huwa Mandat mahrug taht l-awtorita` tal-Qorti bis-sahha ta’ kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu res titolu esekuttiv.

Illi ma kien hemm ghalhekk l-ebda procedura mahsub fil-Kodici tal-Procedura Civili u f'xi ligi ohra fejn Mandat esekuttiv jista' jigi revokat b' dan il-mod. Carmelina Debono kienet qed tadixxi lill-Qorti bhallikieku qed kienet tintalab ir-revoka jew varjazzjoni ta' Mandat Kawtelatorju."

Izda l-artikolu 283A (1) tal-Kap 12 jipprovdi li:
"Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, min jinhareg kontrih att ezekuttiv jista' jaghmel rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn jitlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-ligi."

Illi ghalhekk hu ovvju li l-procedura odjerna kuntrarjament ghal dak li sostna Dr. Farrugia mhix irrita u nulla izda provvduta specifikament mill-Ligi taht il-Kapitolu 12. Ghalhekk tichad l-ewwel eccezzjoni sollevata minn Dr. Farrugia fir-risposta tieghu a fol 19.

2. Sekondarjament Dr. Farrugia nomine eccepixxa illi "l-Mandat ta' Sekwestru msemmi kien gie indirizzat kontra Carmelina Debono minhabba li, fost ragunijiet ohra, il-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni vantat minn Carmelina Debono kien gie dikjarat null u bla effett fil-ligi in via ta' kawza fl-ismijiet: Joseph Bonello vs Alfred Debono et - deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Dicembru 2001 (Cit. 687/90/GCD) li kopja taghha giet annessa mar-risposta u mmarkata DOK A."

F'dan l-istadju l-Qorti thoss opportun li tezamina d-dokumenti kollha li gew esebiti.
a) A fol 11 tal-process jinsab esebit att tat-30 ta' Marzu 1990 tan-Nutar Coppini bejn Alfred u Carmelina Debono fejn dawn xoljew b'effett immedjat il-komunjoni tal-akkwisti u illikwidaw il-pendenzi ta' bejniethom, u gie assenjat favur Carmelina Debono in-nofs indiviz tal-villa "Debran", Triq il-Mielah, High Ridge, St. Andrews, nofs indiviz tal-flat 13, Eaton Place, Tower Road, Sliema, nofs indiviz tal-oggetti mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali u nofs indiviz tal-vettura BMW. U Carmelina Debono assenjat in-nofs indiviz tal-flat 3, Block 19, Tigne` Seafront u n-nofs indiviz tal-vettura Mercedes.

b) Kuntratt bejn Dr. Anthony Farrugia nomine u Alfred Debono tad-9 ta' Novembru 1993 fejn Debono ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur ta' Dr. Farrugia nomine fis-somma ta' Lm50,000 rapprezentanti self ***brevi manu*** somma pagabbli fuq semplici rikjesta bl-imghax ta' 8% u fejn id-debitur offra ipoteka generali ghall-ammont ta' Lm50,000.

c) Illi b'sentenza ta' din il-Qorti diversament prejeduta tal-14 ta' Dicembru 2001 citazz. Nru. 687/1990F1 fl-ismijiet Joseph Bonello vs Alfred Debono, Carmelina Debono u Dr. Simon Micallef Stafrace bhala kuratur tal-falliment ta' Alfred Debono. Il-bazi tac-citazzjoni kienet li Alfred Debono kellu jaghti Lm20,000 lill-attur min-negozju li kien sar bejniethom u Debono diversi drabi kien talab estensjoni ghat-terminu tal-pagament. Fic-citazzjoni l-attur kien sostna li kien sar jaf f'dak l-istadju bil-kuntratt ta' bejn Alfred u Carmelina Debono tat-30 ta' Marzu 1990 u sostna li dan sar bi hsieb li jevadi l-kreditu tieghu u dana b'qerq ghax il-konvenuta kienet taf bl-insolvibbilta` ta' zewgha u kien talab dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet taf b'din l-insolvibbilta` u li din sejra tizdied u li l-kuntratt sar b'qerq u li l-kuntratt tat-30 ta' Marzu ma jiswiex u ghandu jithassar. Il-Qorti kienet ikkunsidrat li dik il-kawza kienet bazata fuq l-azzjoni ***pauliana*** taht l-artikolu 1144 tal-Kodici Civili u ta' liema kawza l-elementi principali huma ***aventus damni*** u ***consilium fraudis***. Il-Qorti kienet ikkonkludiet billi tilqa' t-talbiet tal-attur wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u li dak il-kuntratt ma kienx opponibbli ghall-attur u ma jiswiex u ma ghandux jitqies sa fejn huwa bi hsara tal-jeddijiet u l-interessi tal-attur.

d) Li fil-5 ta' Settembru 2003 gie mitlub u talba milqugha ghal mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv fl-ismijiet Dr. Anthony Farrugia ghan-nom u rapprezentanza tas-socjeta` F.A.M.A. Trading Company Limited vs Alfred Debono u Carmelina Debono bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u bejn zewgha ghall-ammont ta' Lm50,000.

e) Kuntratt ta' separazzjoni tal-1 ta' Ottubru 2003 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono (pg. 55 u 56) fejn semmew li l-hajja konjugali u konvivenza bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli u li waslu ghal separazzjoni bonarja u sseparaw minn xulxin fejn spicca l-obbligu tal-ko-abitazzjoni u ddikjaraw li l-partijiet kellhom jedd li jaghmlu l-atti kollha tal-hajja civili, ikkonfermaw fit-totalita` tieghu l-kontenut tal-att tat-30 ta' Marzu 1990, semmew li diversi mobbli nbieghu u thallsu kredituri u diversi kundizzjonijiet ohra elenkati a fol 55 u 56.

Illi ghalhekk jidher li fit-talba tac-citazzjoni 687/1990 Joseph Bonello vs Alfred Debono et u precizament fir-raba' talba ntqal li "Tghid li ma jiswiex il-kuntratt tat-30 ta' Marzu 1990 fl-atti tan-Nutar Mark Coppini, u ghalhekk thassar dan il-kuntratt". Fil-parti finali tas-sentenza (fol 26 tal-process odjern) jinghad "Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet tal-attur … tghid illi kien bi hsieb ta' qerq li l-konvenuti dehru fuq il-kuntratt tat-30 ta' Marzu 1990 fl-atti tan-Nutar Mark Coppini … u tghid li dak il-kuntratt ma hux opponibbli ghall-attur, u ma jiswiex, u m'ghandux jitqies, sa fejn huwa bi hsara tal-jeddijiet u l-interessi tal-attur …". Illi ghalhekk jidher li ma hux car sa barra jekk intlaqghux kompletament it-talbiet kollha tal-attur inkluz ir-raba' talba u cioe` li l-att imsemmi jigi mhassar, jew jekk tali talba ntlaqghetx biss fil-konfront tal-attur f'dak il-kaz. Din il-Qorti pero` hija tal-fehma li meta tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li anke Alfred u Carmelina Debono hassew il-bzonn li jaghmlu att gdid ta' separazzjoni fl-1 ta' Ottubru, 2003 (fol 55 u 56 tal-process odjern), m'ghandux jitqies li l-att tat-30 ta' Marzu, 1990 (fol 11 tal-process odjern) huwa wiehed validu. Jidher car li dak l-att kien milqut serjament mill-elementi msemmija fl-artikolu 1144 tal-Kodici Civili riferibbli ghal ***consilium fraudis*** u ***eventus damni*** . Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li din il-Qorti diversament presjeduta qalet fis-sentenza taghha tal-14 ta' Dicembru, 2001 fil-parti konklusiva taghha dwar dawn iz-zewg aspetti u thaddan l-istess principji. Una volta stabbilit li dak ma kienx kuntratt validu l-kostituzzjoni tad-debitu milhuq fid-9 ta' Novembru, 1993 kellu effett vinkolanti wkoll fuq Carmelina Debono u ghalhekk Dr. Farrugia nomine kellu

kull dritt li jaghmel ir-rikors in konnessjoni mas-Sekwestru Ezekuttiv fil-5 ta' Settembru 2003 kif jidher a fol 3, 4, 8 u 9 tal-process.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba tar-rikorrenti Carmelina Debono ghalkemm thoss li l-ispejjez ghandhom ikunu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------